MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 427/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**v.**

**Daphne Anne Caruana Galizia**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni kontra Daphne Anne Caruana Galizia mart Peter Joseph, bint Michael Alfrede Vella u Rose Marie nee` Mamo, imwielda nhar is-26 ta' Awissu 1964 Sliema, u residenti 'Dar Rihana', il-Bidnija, limit ital-Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 450664M fejn giet akkuzata minn Dr Angelo Farrugia LL.D. ta' 'Corner Lodge', Triq il-Merill, Mosta talli permezz ta' rapport miktub mill-kwerelata Daphne Anne Caruana Galizia u intestat "the 'anything goes' party" liema rapport gie ippublikat fil-harga tal-15 ta' Mejju 2003 tal-gurnal 'The Malta Independent', immalafamatu, ingurjatu u waqqghatu ghad-disprezz (Art 11 Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta)

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Ottubru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputata Daphne Anne Caruana Galizia hatja tal-imputazzjoni kif dedotta.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Daphne Anne Caruana Galizia minnha prezentat fl-14 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej. Fil-gurnal *The Malta Indepedendent* tal-15 ta' Mejju 2003 deher artikolu firmat mill-imputata intestat "*Any thing goes Party*" li fih sar riferenza ghal incident li gara fis-Sliema fl-1983 wara attivita' organizzata mill-*Parent Teachers Association* dwar kwistjoni li kienet tirrigwarda l-iskejjel privati. Fost in-nies arrestati in konnessjoni mal-incident imsemmi kien hemm l-imputata li dakinhar kienet xebba kunjomha Vella. L-ufficjal investigatur kien il-kwerelant Dr. Angelo Farrugia u dan, bhala ufficjal prosekutur, ressaq lill-imputata u tmien persuni ohra l-Qorti fuq diversi imputazzjonijiet li minnhom l-imputata giet eventwalment liberata b'sentenza tal-21 ta' Dicembru 1984.

**6.** Il-kwerelant hassu immalafamat bil-pubblikazzjoni tal-artikolu imsemmi u pprezenta kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittiehdu proceduri kriminali skont il-ligijiet tal-istampa talli l-kwerelata Daphne Caruana Galizia immalafamat u ingurjatu.

**7.** Il-kwerelant fil-kwerela tieghu ddikjara li hassu aggravat u malafamat bil-brani segwenti mill-artikolu fuq imsemmi.

**8.** "He is hindered instead by his days as a police inspector in the dark and awful days of Lawrence Pullicino…" (l-ewwel bran).

**9.** Fix-xhieda tieghu Dr. Angelo Farrugia jidentifika wkoll bhala ugwalment malafamanti s-sentenza immedjatament wara dik citata (it-tieni bran) fejn jinghad:

“Anglu Farrugia can always say now, as others have done before him throughout history, that he was just following orders.”

**10.** Dwar dawn is-siltiet Dr Angelo Farrugia xehed li hassu malafamat bihom ghaliex il-karriera tieghu mal-Korp tal-Pulizija kienet wahda impekkabbli u qatt ma gie censurat ghall-operat tieghu minn xi Qorti jew awtorita’ ohra u li fil-fatt huwa kien investiga lill-Lawrence Pullicino meta dan kien jokkupa l-pozizzjoni ta’ Kummissarju tal-Pulizija u ressqu l-Qorti akkuzat b’omicidju volontarju.

**11.** Fix-xhieda tieghu Dr. Angelo Farrugia jidentifika wkoll il-paragrafu segwenti (it-tielet bran) bhala wkoll malafamanti fil-konfront tieghu u cioe’ fejn jinghad:

“The decent man he makes himself out to be, however, would have packed up his lunchbox and left or, if he feared starvation and joblessness, would have stayed on and kept himself inconspicuous and out of the more unpleasant areas of the workings of the regime through its “police” force.”

**12.** Dwar din is-silta Dr. Angelo Farrugia jispjega li din ma hix vertiera u li hu ma kellux ghalfejn jitlaq mill-Korp tal-Pulizija peress illi l-karriera tieghu hemmhekk kienet wahda nadifa w impekkabbli.

**13.** Dr. Angelo Farrugia identifika wkoll bhala malafamanti is-silta mill-artikolu (ir-raba’ bran) fejn jinghad:

“If he makes it to leader (which is well nigh impossible), then truly Labour hasn’t a hope in hell of reinventing itself in the garb of decency and respectability.”

**14.** Dwar din is-silta il-kwerelant jilmenta li hi malafamanti peress illi huwa jgawdi rispett u stima kbira kemm fil-Partit Laborista kif ukoll fl-ambjenti socjali fejn ikun.

**15.** Fix-xhieda tieghu il-kwerelant kompla jaghmel riferenza ghall-ahhar kolonna tal-artikolu fejn jissemma incident li gara s-Sliema fl-1983, u il-mod kif il-kwerelata giet trattata wara l-arrest taghha, il-mod kif saret l-istqarrija taghha.

**16.** Hawnhekk il-kwerelant jaghmel riferenza ghas-segwenti siltiet mill-artikolu msemmi li gew ukoll identifikati bhala malafamanti fil-kwerela tieghu lill-Pulizija:

"The first time I saw Anglu Farrugia, I was one of three 19-year-old girls he had had arrested on 11 trumped-up charges, including that of assaulting a very large police officer. He had us locked in the dark and dirty cells for almost two days. He refused to contact our parents: He refused us access to a lawyer. He threatened me during interrogations. He lied to me. He told me that he had photographs of me attacking police officers, and I told him innocently that he must be mistaken, because I hadn't attacked anyone, and the photograph must be of somebody who looks like me. He had me dragged out of my cell in the small hours of the night, put in front of me a statemnet that he had written, and told me to sign it" (il-hames bran).

"The statement was full of lies, a confession to crimes so absurd that, if I hadn't been so frightened and worried, I would have laughed out loud in his face. He told me that he would only let me go if I signed it so I did. In those days, you didn't cite chapter and verse of the law, because one man had already come out of there dead in the boot of a car, and others had been badly beaten they had to be hospitalised." (is-sitt bran).

"… Somewhere in a cupboard, there is an eleven page judgment handed down by Magistrate David Scicluna, condemning in the harshest terms possible the actions of Anglu Farrugia and his colleagues, the methods they used to obtain a "confession" (which Inspector Farrugia had invented and written himself) and declaring it invalid and worthless." (is-seba' bran).

**17.** Dwar l-ahhar siltiet hawn fuq il-kwerelant jghid li dan kollu ma hu veru xejn, jichad li hedded lill-imputata jew li gie censurat dwar il-komportament tieghu waqt l-interrogazzjoni, u li ma kien ivvinta xejn u li l-istqarrija ma kitibhiex hu stess.

**18.** Finalment, l-ahhar silta citata mill-kwerelant hi s-segwenti:

"… A man cannot become primeminister when on public record there is a magisterial condemnation of him for the ill-treatment of a 19 year old girl illegally kept in police custody, and for threatening her into signing a false "confession" full of absurd lies that he himself had written…". (it-tmien bran).

**19.** Dak allegat f'din l-ahhar silta hu michud ghal kollox mill-kwerelant li jsostni li hu qatt ma gie b'xi mod censurat minn xi Qorti jew Magistrat u jichad li hu hedded lill-imputata b'xi mod.

**20.** Is-segwenti huma l-aggravji kif elenkati mill-appellant fir-rikors taghha tal-appell:

1. Illi skont id-dritt fundamentali taghha tal-liberta' tal-espressjoni (*freedom of expression*), l-appellanta ghandha d-dritt illi tippubblika l-opinjoni (*value judgement*) taghha dement li din tkun ibbazata fuq fatti sostanzalment korretti.

2. Ghal dawk li jirrigwardaw l-fatti pubblikati, dawn gew ippruvati sostanzjalment korretti; dawn setghu isiru billi il-Kap 248 jippermetti illi jigu svelati fatti dwar persuna pubblika fil-politika;

3. Ghal dawk li huma kummenti (*value judgments*) tal-appellanti, dawn huma protetti mid-dritt fundamentali taghha anki meta daw "*shock, offend and disturb*";

4. Ghalhekk, l-akkuzi ma jistghux jirrizultaw fil-konfront taghha.

**21.** Il-kundizzjoni li tikkwalifika l-ewwel u t-tieni aggravju hija dik li l-fatti gew pruvati bhala sostanzalment korretti waqt li l-istess kundizzjoni tikkwalifika it-tielet aggravju in kwantu din hi supplimentari ghall-ewwel aggravju u ghalhekk huwa opportun li qabel xejn jigi indagat jekk il-fatti allegati mill-imputata fl-artikolu li minnu jilmenta l-kwerelant gewx fil-fatt pruvati bhala sostanzalment korretti. In kwantu ghall-hekk msejjah ir-raba' aggravju dan ma hux verament aggravju izda konkluzjoni migbuda mill-ewwel tlett aggravji u ghalhekk dipendenti mill-ezitu dwar il-kunsiderazzjoni tal-ewwel tlett aggravji.

**22.** Hi ben stabbilita l-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn si tratta ta' apprezzament tal-provi li minnu jiddependi l-fatti allegati gewx sostanzjalment pruvati jew le u cioe' li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha. F'dan is-sens, ghalhekk, huwa l-kompitu ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward.

**23.** Qabel xejn, kif ben irrilevat l-appellanta fir-rikors tal-appell taghha, jehtieg li ssir distinzjoni bejn dak li kitbet l-appellanta u li bih ihossu malafamat il-kwerelant u li izda jikkonsisti f'opinjonijiet, kumment jew *value judgments* u dak li kitbet l-appellanta u li jikkonsisti f'attribuzzjonijiet ta' fatti fil-konfront tal-kwerelant. Hu minnu li f'pajjiz li jirrispetta d-dritt fundamentali ghall-liberta' ta' espressjoni ebda persuna ma tista' tigi censurata penalment meta tillimita ruha li tesprimi opinjoni jew *value judgment* u dan ghar-raguni li opinjonijiet u gudizzji bhal dawn ma humiex passibbli ta' apprezzament biex jigu ritenuti veritjieri o meno. Dan japplika b'aktar sahha fil-konfront ta' persuna pubblika li addirittura tkun ukoll attiva fil-politika peress li persuni bhal dawn ikunu ben konsapevoli li minhabba l-pozizzjoni li jkunu dahlu ghaliha ser ikunu kontinwament taht l-ikrutinju u esposti ghall-kritika, anki iebsa u forsi xi kultant xjokkanti, tal-pubbliku u tal-istampa u li ser ikunu mehtiega jaghtu rendikont tal-eghmil taghhom.

**24.** B'danakollu, dan ma jfissirx li ma hemm ebda limitu ghal dak li jista' legittimament jinghad jew jinkiteb dwar persuni pubblici jew persuni fil-politika. Anki f'dawn ic-cirkostanzi id-dritt ghall-liberta' ta' espressjoni ma hux assolut u huwa arginat bil-limiti tar-ragionevolezza u proporzjonalita'. Hadd ma jista' jinheba wara l-protezzjoni tal-opinjoni jew *value judgment* sabiex jimputa lil haddiehor fatti li ma humiex veri anki jekk dak il-haddiehor huwa persuna pubblika jew addirittura attiva fil-politika. L-imputazzjoni lil xi persuna ta' fatti mhux veri jibqa' fatt sanzjonabbli bhala malafama ukoll jekk tigi espressa opinjoni jew *value judgment* dwar dik il-persuna li jkun impossibbli li tigi ritenuta vera jew mhux vera. F'din l-eventwalita' min jesprimi l-fatti ritenuti mhux veri ma jkunx qieghed jigi sanzjonat ghall-opinjoni jew gudizzju valutattiv tieghu izda ghall-fatti malfamanti mhux veri li jkun allega.

**25.** Dan ifisser illi fid-dawl ta' dak li gie premess, din il-Qorti ma kien ikollha ebda ezitazzjoni li tirritjeni bhala espressjoni legittima ta' opinjoni, kumment jew *value judgment* l-brani aktar 'l fuq indikati bhala it-tielet bran u r-raba' bran. Il-kwerelata, izda, ma waqfitx hemm izda ghamlet ukoll allegazzjonijiet ta' fatti specifici biex issostni l-opinjoni, kumment jew *value judgment* taghha. Ghalhekk l-ewwel Qorti xorta kienet obbligata li taghmel, kif ghamlet, l-apprezzamet taghha dwar il-veridicita' o meno tal-fatti allegati mill-kwerelata ghaliex biex opinjoni, kumment jew *value judgment* jista' jitqies legittimu l-fatti migjuba biex jissostanzjawhom iridu jkunu pruvati veri.

**26.** Daltronde dan hu rikonoxxut mill-appellanta stess peress li t-tielet aggravju taghha fis-sens li "ghal dawk li huma kummenti (*value judgments*) tal-appellanti, dawn huma protetti mid-dritt fundamentali taghha anki meta daw "*shock, offend and disturb*"" hu kwalifikat bil-kundizzjoni koncessa mill-appellanti stess fl-ewwel aggravju taghha fejn tghid "dement li din tkun ibbazata fuq fatti sostanzalment korretti".

**27.** Il-gurisprudenza ta' din il-Qorti in materja ta' apprezzament ta' provi f'dan l-istadju tal-proceduri hi cara

u kostanti fis-sens li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Jekk din il-Qorti, izda, tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konkluzzjoni.

**28.** Il-fatti allegati fl-artikolu in kwistjoni u li minnhom jilmenta l-kwerelant jistghu jigu rikapitulati kif gej:

(a) li Dr. Angelo Farrugia "is hindered (instead) by his days as a police inspector in the dark and awful days of Lawrence Pullicino" u li "Anglu Farrugia can always say now, as others have done before him throughout history, that he was just following orders".

**29.** Ma hemmx dubbju li min jaqra' dan il-kliem jifhem li Dr. Angelo Farrugia meta kien spettur fi zmien meta Lawrence Pullicino kien Kummissarju tal-Pulizija kien risponsabbli ta' xi ghemil li kkontribwixxa ghall-"dark and awful days" ta' dak iz-zmien u li seta jipprova jezimi ruhu minn dik ir-responsabilita' billi bhal haddiehor qablu jinvoka l-fatt li kien qieghed biss jesegwixxi l-ordnijiet tas-superjuri tieghu. Din l-ahhar espressjoni timplika wkoll li l-ghemil imsemmi attribwit mill-artikolista lil Angelo Farrugia huwa wiehed ta' xorta kriminali ghaliex persuni li fil-passat invokaw in difesa taghhom infushom il-fatt li kienu qeghdin isegwu l-ordnijiet ta' haddiehor ghamlu dan sabiex jiddefendu ruhom minn akkuzi ta' ghemil ta' natura kriminali. Il-Qorti ezaminat fid-dettal il-provi li jirrizultaw akkwiziti in atti inkluzi l-kopja tal-atti tal-process tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Edgar Fava et." deciza finalment minn dik il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bis-sentenza taghha tal-21 ta' Dicembru 1984 kif ukoll ir-rizultanzi tal-istesss sentenza, dawn ta' l-ahhar fil-limiti ta' dak permess mill-ligi tenut kont tan-natura tal-prova prodotta. Mill-provi msemmija ma tirrizulta ebda prova li l-kwerelant kien b'xi

mod risponsabbli ta’ xi ghemil ta’ natura kriminali fiz-zmien relevanti u ghalhekk il-fatti allegati f’dan il-paragrafu ma gewx pruvati b’ebda mod.

(b) li Dr Farrugia kien arresta lill-imputata meta kellha l-eta ta’ 19-il sena in konnessjoni ma hdax l-imputazzjoni “trumped up” u cioe’ fabbrikata, falza, kalkolati biex iqarrqu, inkluz l-imputazzjoni li hi kienet aggrediet lil ufficjal tal-pulizija ta’ statura kbira.

**30.** Jirrizulta li Dr. Farrugia, meta kien ufficjal tal-pulizija, wara li kien arrestha kien ukoll ressaq lill-imputata taht arrest quddiem il-Qorti fuq diversi imputazzjonijiet. Jirrizulta wkoll li l-imputata kienet giet liberata mill-imputazzjonijiet kollha li bihom giet imputata. Dan, izda, ma jwassalx necessarjament ghall-prova li l-imputazzjonijiet li saru kontra l-imputata kienu foloz jew fabbrikati u anqas hi din il-Qorti f’pozizzjoni li taghmel hi stess apprezzament ta’ xhieda li gew prodotti fil-process li kien sar sebgha u ghoxrin sena ilu izda li ma gewx prodotti biex jixhdu fil-proceduri odjerni. Quddiem l-ewwel Qorti gew prodotti numru zghir ta’ xhieda li kienu wkoll xehedu fil-process li sar sebgha u ghoxrin sena ilu izda a bazi ta’ dik ix-xhieda biss la l-ewwel Qorti u anqas din il-Qorti ma jistghu jaslu ghall-konkluzjoni li gie pruvat li l-imputazzjonijiet in kwistjoni kienu foloz jew fabbrikati. Daltronde anqas il-Qorti li kienet originarjament semghet il-provi prodotti fil-process kriminali kontra l-imputata sebgha u ghoxrin sena ilu ma kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-imputazzjonijiet dedotti kienu foloz, jew fabbrikati, ghalkemm illiberat lill-imputata minnhom peress li l-imputazzjonijiet ma rrizultawx minhabba nuqqas ta’ provi, jew minhabba kunflitt ta’ provi. Anqas dan l-addebitu fil-konfront tal-kwerelant Farrugia, ghalhekk, ma gie pruvat.

(c) li kwerelant Anglu Farrugia zamm lill-imputata msakkra fid-dlam u f’celel mahmuga ghal jumejn, irrifjuta li jikkomunika mal-genituri taghha u rrifjutalha access ghal avukat, heddidha waqt l-interrogatorji taghha, gidbilha dwar li kellu ritratti li juruha tattakka ufficjali tal-pulizija u

inducíha tiffirma stqarrija li kien kiteb hu u li kienet mimlija gideb.

**31.** L-unici provi li gew prodotti fir-rigward ta' dan kollu, apparti l-atti tal-process "Il-Pulizija vs Edgar Fava et." fuq imsemmi, huma x-xhieda tal-kwerelanta li kkonfermat fl-intier tieghu l-artiklu in kwistjoni u allura inkluzi l-brani li minnhom jilmenta l-kwerelant u fejn isiru l-allegazzjonijiet hawn indirizzati. Fix-xhieda taghha (fol. 32-34 tal-process) il-kwerlata, wara li kkonfermat il-kontenut tal-artikolu taghha, taghti deskrizzjoni ta' dak li tallega li ghaddiet minnu sa minn x'hin giet arrestata mill-kwerelant u matul iz-zmien li ghamlet detenuta wara l-arrest. Tghid li l-pulizija marru l-ewwel jarrestawha mid-dar fejn kien hemm ommha li qaltilhom li l-kwerelata kienet fuq ix-xoghol u allura marru jarrestawha minn hemm fejn kienet tahdem ma' missierha. Fid-depot xehtuha go cella dlam cappa fejn anqas idha ma setat tara.

**32.** Mid-depozizzjoni tal-kwerelata fil-process "Il-Pulizija vs Edgar Fava et." jirrizulta li l-kwerelata f'dak il-process kienet xhedet u ddeskriviet x'ghaddiet minnu meta kienet taht arrest. Certi dettalji moghtija dak inhar ma ssemewx meta xehedet f'dawn il-proceduri waqt li certi dettalji moghtija f'dawn il-proceduri ma jikkorrispondux ma' dak li inghad fil-process imsemmi.

**33.** Minn naha tieghu il-kwerlant Anglu Farrugia xehed (fol. 12 et seq tal-process) u dwar l-allegazzjonijiet imsemmija tal-kwerelata huwa cahadhom (fol. 13-14 tal-process) u sostna li l-imputata giet arrestata mal-ohrajn, inzammu fil-*lock up*, giet interrogata, ghamlet stqarrija u ffirmatha. Huwa sostna li ma vvinta xejn u ma kiteb xejn.

**34.** Quddiem l-ewwel Qorti gie prodott in difesa x-xhud Dr. Rudolph Ragonesi li xehed dwar ic-cirkostanzi tal-arrest tieghu u ddikjara li huwa kien irrifjuta li jiffirma l-istqarrija li kienet giet preparata mill-Ispettur Farrugia u wara li ghamel lejl maqful 'l ghada rega gie interrogat. Huwa ddeskriva bhala zghira c-cella fejn kien mizmum u li ma kellhiex facilitatjiet sanitarji. Xehed ukoll li f'mument minnhom waqt li kien fil-bitha ghal *identity parade* kien

iltaqa' mal-kwerelata u huwa, bhala student tal-ligi li kien dak iz-zmien, kien qal lil shabu li setghu ma jwiegbux ghad-domandi u jirrifjutaw jiffirmaw l-istqarrija. Fil-kors tal-process "Il-Pulizija vs Edgar Fava et." Dr Rudolph Ragonesi kien ikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u li ma kienx iffirma ghalkemm zied xi spjegazzjoni.

**35.** L-ewwel Qorti wara li ezaminat il-provi li tressqu fil-process kienet tal-fehma li l-kwerelanta ma rnexxilhiex tipprova li l-allegazzjonijiet in kwistjoni kienu gew minnha ppruvati bhala sostanzjalment veri u tenut kont tal-istat tal-provi din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk din il-Qorti ma hix ser tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi f'dan ir-rigward.

(d) li x'imkien kien hemm sentenza ta' hdax-il faccata moghtija mill-allura Magistrat David Scicluna li kienet tikkundanna b'mod mill-aktar iebes l-eghmil tal-kwerelant Anglu Farrugia u tal-kollegi tieghu, il-mezzi li uzaw sabiex ottjenew "konfessjoni" u li giet dikjarata invalida u bla valur.

**36.** Fil-process tirrizulta esibita s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetturi Angelo Farrugia u Daniel Gatt) vs Edgar Fava et) moghtija mill-Magistrat David Scicluna fil-21 ta' Dicembru 1984. Din hija s-sentenza li inghatat fil-proceduri kontra l-imputati f'dik il-kawza fosthom il-kwerelata appellanta. F'din is-sentenza jinghad kif gej:

"Tlett ijiem wara, Daphne Vella giet arrestata minn fuq ix-xoghol; wiehed jista' japprezza l-istat t'animu taghha u l-herqa li kellha li tirritorna lejn darha wara li kienet ghaddiet minn esperjenzi u trattament ghaliha tant qarsa f'sitta u ghoxrin siegha msakkra d-Depot tal-Pulizija (esperjenzi u trattament li jirrizultaw bizzejjed mill-process u li l-Qorti mhux qed tidhol fid-dettal dwarhom izda li hija obbligata tikkundanna u li kienu bizzejjed wahedhom sabiex jinficjaw il-validita' ta' dik il-pretiza konfessjoni), u wiehed

jista' ukoll japprezza kemm hu verosimili dak li l-istess Vella tistqarr ghal darba tnejn li meta nghatat l-istatement f'idejha ratu "fuq fuq", lemhet il-kliem "daqqa ta' ponn", u dehrilha li kien tnizzel fl-istatement l-incident fejn kienet giet aggredita minn kuntistabbli. Ghalhekk, l-istatement esibit, meta jigi kkunsidrat, kif jehtieg, fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet moghtija minn Vella stess u xhieda ohra tad-Difiza, ma tikkostitwix prova sufficjenti;"

**37.** Illi f'din is-silta mis-sentenza msemmija il-kwerelant Dr. Angelo Farrugia ma jissemmiex. B'danakollu l-Qorti f'dik is-sentenza kjarament qed tikkundanna t-trattament li ghalih giet assoggettata l-kwerelata waqt li kienet msakkra d-Depot tal-Pulizija. Jirrizulta li Dr. Angelo Farrugia fiz-zmien relevanti kien l-ufficjal investigatur u l-ufficjal prosekutur principali in konnessjoni mal-kaz. Kien hu li gie inkarigat jinvestiga l-incidenti in kwistjoni li kienu graw f'tas-Sliema. Kien Dr Angelo Farrugia li kien arresta lill-kwerelanta u hadha d-Depot. Ghalhekk il-kwerelanta kienet qed tinzamm "msakkra d-Depot tal-Pulizija" fuq l-awtorita' tal-istess Dr. Angelo Farrugia. Ghalhekk meta l-Qorti fis-sentenza taghha fuq imsemmija kkundannat l-esperjenzi u t-trattament li ghaddiet minnhom il-kwerelata waqt li kienet mizmuma d-depot taht l-awtorita' ta' l-allura Spettur Angelo Farrugia li kien ukoll l-ufficjal investigatur u prosekutur fil-proceduri kriminali quddiemha huwa ragionevoli li wiehed jifhem li l-Qorti kienet qed ticcensura wkoll l-ghemil tal-istess Spettur Angelo Farrugia. U fejn il-Qorti irriteniet li l-esperjenzi u t-trattament li rceviet il-kwerelata kienu bizzejjed wahedhom sabiex jinficjaw il-validita' ta' dik il-pretiza konfessjoni huwa ragionevoli li wiehed jifhem li l-Qorti kienet qed tirritjeni l-istess konfessjoni mhux valida. Huwa minnu li l-Qorti kompliet biex tghid li l-istqarrija ma kienetx tikkostitwixxi prova sufficjenti izda dan irid jifthiem fid-dawl ta'dak li kienet ghadha kemm qalet rigward il-validita' tal-istess. Certament il-Qorti kienet qed tirritjeni l-istqarrija bla valur bhala prova. Huwa minnu li s-sentenza in kwistjoni kien fiha hames faccati minnflok hdax izda din ic-cirkostanza fil-fehma tal-Qorti ma tbiddel xejn mis-sostanza tal-allegazzjoni hawn kunsidrata. Ghaldaqstant, fir-rigward ta' din l-allegazzjoni specifika din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatti

gew sostanzjalment pruvati u ghalhekk ma jistghux jitqiesu malfamanti fil-konfront tal-kwerelant Dr. Angelo Farrugia.

(e) li persuna ma tistax tilhaq Prim Ministru meta din il-persuna giet kundannata minn Magistrat talli ttratta hazin tfajla ta’ dsatax-il sena li giet mizmuma illegalment fil-kustodja tal-pulizija u talli heddidha filli tiffirma “konfessjoni” falza li kienet mimlija gideb assurdi li hu stess kien kiteb

**38.** Jekk persuna tistax tilhaq Prim Ministru hi kwistjoni ta’ opinjoni izda hawnhekk din l-opinjoni hi msejsa fuq allegazzjonijet ta’ fatti specifici li ghalhekk iridu jigu pruvati ghaliex altrimenti l-opinjoni ma tistax titqies korretta u xorta ssehh il-malafama.

**39.** Din l-allegazzjoni tistrih ghal darb’ ohra fuq is-sentenza fuq imsemmija. Din id-darba, izda, qieghed jigi allegat li dik is-sentenza kienet attribwiet addebiti specifici lill-kwerelant u cioe’ li l-pulizija kienet zammet illegalment fil-kustodja taghha lill-kwerelata u li l-kwerelant heddidha tiffirma konfessjoni falza mimlija gideb assurdi li hu stess kiteb. Ma jirrizultax, izda, li s-sentenza irriteniet li l-kwerelanta kienet nzammet fil-kustodja tal-pulizija illegalment u anqas li dik is-sentenza kkundannat lill-kwerelant talli hedded lill-kwerelata sabiex tiffirma stqarrija falza mimlija gideb assurdi jew li hu stess kiteb l-isqarrija. Ghalhekk il-fatti allegati f’dan ir-rigward ukoll ma gewx pruvati li huma veri.

**40.** Sabiex l-imputata tirnexxi fid-difiza taghha li l-fatti imputati huma veri trid tipprova l-verita’ tal-fatti kollha imputati u malfamanti[1]. Ghalkemm din il-Qorti sabet li certi fatti attribwiti lill-kwerelant u li dwarhom kien qieghed jilmenta kienu gew pruvati veri din il-Qorti sabet ukoll li diversi fatti ohra serjament malfamanti attribwiti fil-konfront tal-kwerelant ma gewx pruvati bhala veri. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma l-htija tal-imputata appellanta izda

[1] “To make a good plea to the whole charge, the defendant must justify everything that the libel contains which is injurious to the plaintiff”. Gaitley on Libel and Slander, Sweet & Maxwell,1998, p. 242, #11.11

fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi sejra tipprovdi ghal temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputata Daphne Anne Caruana Galizia hatja tal-imputazzjoni kif dedotta u tirrevokaha fil-bqija u minflok tikkundanna lill-imsemmija Daphne Anne Caruana Galizia ghall-multa ta’ disgha mitt ewro (€900).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------